## 21 ta' Mejju, 1965.

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. T. Gouder, LL.D.**
**Onor. J. Flores, B.L.Can., LL.D.**

Calcedonio Ciantar

*versus*

Francis Grech, et.

**Obbligazzjoni ta' mara miżżewġa — Dekadenza mill-benefiċċju tat-terminu — Awtorizzazzjoni biex tipproċedi — Meta meħtieġa.**

*F'dan il-każ mara miżżewġa bil-garanzija assistenza u awtorizzazzjoni ta' żewġha assumiet garanzija solidali għad-dejn kuntratt minn terza persuna. F'din il-kawża hi ġiet imħarrka biex tidher bl-assistenza ta' żewġha.*

*Il-Qorti rriteniet li ma kien hemm ebda difett fil-fatt li ġiet ċitata assistita minn żewġha, u ma ġiex ukoll ċitat ir-raġel bħala kap ta' l-komunjoni ta' l-akkwisti, għax hija kienet għamlet dik il-garanzija anki bil-beni partikulari tagħha. u għalhekk l-esekuzzjoni setgħet tolqot dawk il-beni parafernali tagħha.*

*Normalment il-prinċipju hu li meta d-dekadenza mill-benefiċċju tat-terminu hi espressa, il-kreditur jista' jipproċedi għall-esekuzzjoni, mingħajr il-kundanna ġudizzjali preċedenti tad-debitur jew l-awtorizzazjoni ġudizzjali.*

*F'liema każi l-kreditur għandu qabel jottieni l-awtorizzazzjoni ġudizzjali.*

Il-Qorti,

Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maesta Tagħha r-Reġina li bih l-attur — premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni — premess illi b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Gatt tat-2 ta' Ġunju, 1961, l-attur silef lill-konvenut Francis Grech ħames mitt lira (£500) bil-fidejussjoni solidali tal-konvenuta l-oħra, liema somma kellha tiġi restitwita bil-għaxar liri (£10) fix-xahar bl-interessi tas-6% fis-sena, a skaletta, bid-dekadenza fin-nuqqas ta' żewġ rati jew somma ekwivalenti — u premess illi l-konvenut baqgħalu jagħti mitejn lira (£200) bilanċ ta' kapital u sebgħa u għoxrin lira u ħmistax il-xelin (£27.15.0) interessi sat-18 ta' Diċembru, 1964 skond il-prospett unit maċ-ċitazzjoni — u billi l-konvenuti naqsu mill-puntwalita fil-ħlas tar-rati u baqgħu ma ħallsux nonostanti l-interpellazzjonijiet ġudizjarji lilhom diretti u għalhekk, skond dak il-kuntratt iddekadew mill-benefiċċju tal-mod u tat-terminu — talab illi (1) il-konvenuti jiġu dikjarati dekaduti mill-benefiċċju tal-mod u terminu stipulati bil-fuq imsemmi kuntratt minħabba filli baqgħu lura fil-ħlas ta' iżjed minn żewġ rati mensili u, konsegwentement (2) dikjarat leċitu għall-attur li jipproċedi għa'l-esekuzjoni ta' dak il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Gatt tat-2 ta' Ġunju, 1961 għas-somma ta' mitejn sebgħa u għoxrin lira u ħmistax il-xelin (£227.15.0) kwantu għal mitejn lira (£200) bilanċ ta' kapital u sebgħa u għoxrin lira u ħmistax il-xelin (£27.15.0) interessi sat-18 ta' Diċembru, 1964 oltre l-interessi ulterjuri bir-rata tas-6% fis-sena fuq il-kapital mid-19 ta' Diċembru, 1964, sal-pagament effettiv, bl-interessi kif fuq u bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-24 ta' Awissu u 5 ta' Novembru, 1964 kontra l-konvenuti.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Fran-

cis Gresh li biha jgħid illi hu ma jopponix l-ewwel talba (għad-dikjarazzjoni tad-dekadenza mill-benefiċċju tat-terminu); illi huwa jopponi t-tieni talba peress li (i) din hija inutili u rritwali (għaliex m'għaddewx aktar minn tlett snin *minn meta sata' jiġi esegwit il-kuntratt)*; u *(ii) il-bilanċ* dovut ma kienx dak indikat mill-attur; illi waħda mill-ittri uffiċjali msemmija mill-attur kienet ċertament żejda u għanda jbatiha l-attur.

Rat *il-verbal tat-23 ta' Farr, 1965 fejn* il-konvenut iddikjara li ma jikkontestax il-bilanċ dovut lill-attur.

Rat in-nota ta' l-attur li biha stante l-pagament ta' erbgħin lira (£40) fil-mori tal-kawża, irriduċa t-talba għal mija u sebgħa u tmenin lira u ħmistax-il-xelin (£187.15.0).

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-6 ta' Marzu, 1965 li biha laqgħet l-ewwel talba bl-ispejjeż kontra l-konvenuti taxxabbli bħal fil-każ ta' ammissjoni u laqgħet ukoll it-tieni talba kif ridotta bl-ispejjeż kontra l-konvenuti taxxabbli wkoll bħal fil-każ ta' ammissjoni, wara li *kkunsidrat*:—

Li l-konvenut Grech ammetta illi huwa ddekada mill-benefiċċju tat-terminu akkordat lilu fil-kuntratt riċevut min-Nutar Joseph Gatt fit-2 ta' Ġunju, 1961; iżda l-konvenuta Anna Maria Mallia, ma qalet xejn, għax baqgħet kontumaċi; u l-istess konvenut Grech iddikjara li ma jikkontestax il-bilanċ mitlub mill-attur. Għalhekk l-unika kwistjoni li għandha tiġi deċiża hija dik rigwardanti t-tieni talba fejn l-attur qal li jkun dikjarat leċitu li jipproċedi għall-esekuzjoni ta' l-imsemmi kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Gatt għas-somma ta' mitejn u sebgħa u għoxrin lira u ħmistax-il-xelin (£227.15.0) in kwantu għal mitejn lira (£200) bilanċ ta' kapital u sebgħa u għoxrin lira u ħmis-

tax-il-xelin (£27.15.0) interessi sat-18 ta' Diċembru, 1964, oltre l-interessi ulterjuri bir-rata tas-6% fis-sena fuq il-kapital mid-19 ta' Diċembru, 1964, sal-pagament effettiv.

Li, evidentement, il-konvenut Grech, qanqal l-eċċezjoni tal-inutilità ta' dina t-talba, biss għal dak li tista' tinfluwixxi fuq il-kap tal-ispejjeż, għaliex il-meritu ġie minnu ammess.

Li l-attur mhux qiegħed jippremetti fl-att taċ-ċitazjoni li huwa qiegħed jitlob l-awtorizzazzjoni biex jesegwixxi l-imsemmi kuntratt għaliex għaddew aktar minn tlett snin minn mindu huwa sata' jgħaddi għall-esekuzzjoni tiegħu. Infatti, dana anqas ma sata' jsir, għaliex trattandosi ta' ħlas ta' kreditu bir-rati, il-validità esekutiva ta' kuntratt, għall-fini ta' l-iskadenza ta' kull rata, b'mod li jekk id-debitur ma jkunx morus fil-ħlas ta' pagament ta' rati li jeċċedu t-terminu ta' tlett snin, il-kreditur ma jkunx ammess jitlob l-awtorizzazzjoni biex jesegwixxi l-kuntratt, għaliex talba simili tkun saret prematurament.

Li, però fil-każ presenti l-attur jidher li mhux qiegħed espressament jitlob li jkun awtorizzat jesegwixxi l-kuntratt minħabba l-mora triennali fil-pagament tar-rati skaduti iżda qiegħed jitlob sempliċi dikjarazzjoni pendissekwa għal dik tad-dekadenza tal-konvenut Grech mill-benefiċċju tat-terminu għall-fini, biss li jiġi stabilit l-ammont bilanċjali dovut mid-debitur li jirriżulta mill-imsemmija dikjarazjoni ta' dekadenza.

Li, f'dana s-sens il-Qorti hija tal-fehma li l-attur ma għamelx talba ozjusa u inutili, billi trattandosi ta' pagamenti rateali li anqas ma kienu qegħdin isiru regolarment, huwa kellu nteress, li jiġi stabilit l-ammont eżatt tal-kre-

ditu bilanċjali, biex jevita tfixkil meta jiġi biex jesiġi esekutivament dana l-ammont mill-konvenuti solidalment bejniethom.

Li dana l-prinċipju ġie enunċjat konformement mill-Qrati tagħna li rritenew li meta d-dekadenza tiddependi min-kondizjoni, bħal każ presenti, li tiddependi mill-mora fil-pagament tar-rati ta' ħlas li kellhom jitħallsu, hija neċessarja l-awtorizzazzjoni ġudizjali għall-esekuzzjoni tal-kuntratt, jew titolu ieħor, anki meta ma jkunux għaddew tiett snin mid-data ta' l-iskadenza jew mid-data ta' l-att (Kollez. XVI, III, 103; XXXI, III, 249).

Li fl-aħħarnett huwa ta' min jirrileva li l-attur mhux jitlob il-kundanna tal-konvenut għall-ħlas tal-ammont dovut, iżda qiegħed jitlob li jkun ammess jesegwixxi l-kuntratt għal dak l-ammont, ħaġa li tista' u anzi għandha ssir mingħajr ma jiġu b'hekk provokati spejjeż inutili għad-debitur (Kollezz. XXXVII, III, 841).

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuta Anna Maria mart Anthony Mallia u l-petizzjoni tagħha li biha talbet illi s-sentenza ta' l-ewwel Qorti, fil-konfront tagħha, tiġi revokata billi t-talbiet ta' l-attur kif diretti kontra tagħha personalment jiġu riġettati bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu.

Rat ir-risposta ta' l-attur li qal illi s-sentenza appellata hi ġusta u tisthoqq konferma bl-ispejjeż.

Fil-petizzjoni ta' l-appell ġew addotti żewġ aggravji kontra s-sentenza appellata. Preliminarment l-appellanti ssottomettiet illi l-obbligazzjoni tagħha bħala mara miżżewġa, assistita minn żewġha hija obbligazzjoni mhux tagħha

personalment imma tal-komunjoni ta' l-akkwisti u kwindi kien imissu ġie mħarrek żewġha u mhux hija. Sussidjarament, hi ssottomettiet illi l-ispejjeż tal-kawża kienu inutili għaliex l-appellat kien fiż-żmien li jeżegwixxi l-kuntratt u kwindi ma kellux bżonn jaġixxi b'ċitazzjoni biex jottjeni titolu eżekuttiv ieħor u lanqas biex jottjeni d-dikjarazzjoni tad-dekadenza mill-benefiċċju tat-terminu għaliex din kienet kontemplata fl-istess kuntratt.

Rigward l-ewwel aggravvju, hu veru illi skond l-art. 1373 (1) tal-Kodiċi Ċivili d-djun magħmulin mill-mara bil-kunsens tar-raġel jaqgħu fil-komunjoni ta' l-akkwisti. Dan hu anki espressament rikonoxxjut fl-istess kuntratt li bih l-appellanti, bil-kunsens, assistenza u awtorizzazzjoni ta' żewġha assumiet il-garanzija solidali għad-dejn kuntratt minn Francis Grech, fejn jingħad illi l-appellanti ipotekat favur l-appellat il-beni tagħha kollha in ġenerali preżenti u futuri u li "f'dawn il-beni jidħlu (anki) l-akkwisti skond it-termini ta' l-imsemmi art. 1373 (1)."

Dan jista' jwassal biex jingħad favur is-sottomissjoni ta' l-appellanti illi l-eżekuzzjoni ta' obbligazzjoni assunta minnha in kwantu tista' tolqot beni tal-komunjoni ta' l-akkwisti ma tistax ssir ħlief fil-konfront tar-raġel li hu l-kap ta' dik il-komunjoni u jirrappreżentaha: mentri r-raġel ma hux parti f'din il-kawża għad li ġie mħarrek biex jassisti lill-appellanti.

Iżda bl-istess kuntratt fuq imsemmi nqtal ukoll illi l-obbligazzjoni assunta mill-appellanti kellha tkun garantita "anki bil-beni partikolari tagħha." Rigward dawn il-beni l-posizzjoni tar-raġel hi differenti. Il-Qorti tassumi illi r-riferenza hi għal beni parafernali ta' l-appellanti. Skond l-art. 1375 tal-Kodiċi Ċivili l-amministrazzjoni tal-beni parafer-

nali tal-mara li l-frottijiet tagħhom jidħlu fl-akkwisti tmiss lir-raġel. Iżda hawn non si tratta ta' kwistjoni ta' vera amministrazzjoni u, fi kwalunkwe każ, il-bona fede teżiġi li wieħed jassumi illi r-raġel li ta' l-kunsens tiegħu u awtorizza lill-appellanti li tassumi l-obbikazzjoni f'isimha rigward dawk il-beni taha l-kunsens tiegħu u awtorizzaha wkoll li teżegwiha fl-istess kwalita.

Għalhekk in kwantu li eżekuzzjoni tista tolqot beni parafernali ta' l-appellanti m'hemm ebda nullita jew difett fil-fatt illi ġiet ċitata l-appellanti assistita minn żewġha.

Rigward it-tieni aggravju, dan għandu rilevanza mhux għall-meritu iżda għall-ispejjeż tal-kawża. Eċċezzjoni sostanzjalment fl-istess sens ta' dan l-aggravju kienet ġiet sollevata *in prim'istanza* *mill-konvenut* Francis Grech.

L-ewwel Onorabbli Qorti dehrilha illi t-talba għall-awtorizzazzjoni għall-eżekuzzjoni ma kienetx inutili jew ożjuża għaliex, trattandosi ta' pagamenti rateali li ma kienux qegħdin isiru regolarment l-appellat kellu interess li jiġi stabbilit *l-ammont* eżatt *tal-kreditu bilanċjali* biex jevita tfixkil meta jiġi jeżiġi dak l-ammont eżekuttivament. F'dan ir-rigward dik l-Onorabbli Qorti ċċitat in sostenn dak li ġie ritenut fis-sentenzi Vol. XVI, III, 103 u XXXI, III, 249 fissens illi meta d-dekadenza tiddependi minn kondizzjoni (bħal fil-każ preżenti fejn kienet tiddependi mill-mora tar-rati li kellhom isiru) hija neċessarja l-awtorizzazzjoni ġudizzjali għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt jew titolu ieħor anki meta ma jkunux għaddew it-tlett snin mid-data ta' l-iskadenza jew mid-data ta' l-att.

A *propożitu taż-żewġ sentenzi* ċitati *mill-ewwel* *Onorabbli* Qorti din il-Qorti tixtieq l-ewwelnett tirrileva, fl-interess tal-preċiżjoni, illi hemm differenza, probabilment

mhux voluta, bejniethom, li jista' jkollha konsegwenzi jekk ma tiġix avvertita. Is-sentenza Vol. XXXI, III, 249 tidher manifestament li ġiet ibbażata fuq is-sentenza Vol. XVI, III, 103 ċitata fiha: iżda mentri f'din l-aħħar sentenza kien jingħad, fil-parti għal issa rilevanti, illi "allorche (la decadenza dal beneficio del termine) dipende da una condizione, come nel caso dipendeva dalla mora nel pagamento di due rate mensili, interessa al creditore che sia accertata la verificazione della condizione, prima che egli proceda alla esecuzione del titolo stesso", fis-sentenza Vol. XXXI intqal — kif issa wkoll intqal fis-sentenza appellata — illi "meta d-dekadenza tiddependi minn kondizzjoni, bħal każ preżenti, mill-mora fil-pagament ta' rati ta' ħlas li kellhom isiru, hija neċessarja l-awtorizzazzjoni ġudizzjali għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt. . ."

Fil-fehma tal-Qorti huwa ċar li altru li wieħed jgħid illi "l-kreditur għandu interess li jaċċerta ġudizzjarjament il-verifikazzjoni tal-kondizzjoni u altru li wieħed jgħid illi l-"awtorizzazzjoni ġudizzjali hi neċessarja." Jekk tiġi aċċettata din it-tieni versjoni tar-regola jiġri illi, f'każijiet ta' din ix-xorta, il-kreditur ma jkun jista' qatt jipproċedi għall-esekuzzjoni tal-kuntratt jew titolu ieħor mingħajr il-preċedenti awtorizzazzjoni ġudizzjali tant illi jekk jipproċedi għall-eżekuzzjoni mingħajr dik il-preċedenti awtorizzazzjoni jista' jiġi milqugħ bl-eċċezzjoni relativa. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan ma jidherx korrett. Dak li hu korrett hu biss li jingħad illi l-kreditur għandu interess jew aħjar, jista jkollu interess li, qabel jipproċedi għall-eżekuzzjoni, jottjeni dikjarazzjoni ġudizzjali tal-verifikazzjoni tal-kondizzjoni.

Is-sitwazzjoni eżatta kif taraha din il-Qorti hi dina. Normalment il-prinċipju hu — u dana hu espressament af-

fermat fiż-żewġ sentenzi fuq imsemmija — illi, meta d-dekadenza mill-benefiċċju tat-terminu hi espressa, il-kreditur jista' jipproċedi għall-eżekuzzjoni, mingħajr il-kundanna ġudizzjali preċedenti tad-debitur jew l-awtorizzazzjoni ġudizzjali a meno che ma jkunx għadda ż-żmien jew ma jkunux jirrikorru ċ-ċirkostanzi kif kontemplat fl-artikoli 256 u 257 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. B'dana kollu l-kreditur jista, qabel jgħaddi għall-eżekuzzjoni, jottjeni dikjarazzjoni ġudizzjali illi l-kondizzjoni li minnha tiddependi d-dekadenza vverifikat ruħha. Pero għall-finijiet ta' l-ispejjeż ta' domanda simili l-Qorti għandha dritt tara jekk, fil-każ partikolari, kienx hemm xi raġunijiet li kienu jiġġustifikaw il-bżonn ta' dikjarazzjoni ġudizzjarja preċedenti, bħal per eżempju għaliex id-debitur ikun ġa qanqal kwistjoni dwar il-verifikazzjoni tal-kondizzjoni li minnha tiddependi d-dekadenza. Mingħajr xi ċirkostanza simili d-domanda ġudizjarja da parti tal-kreditur tkun aktarx inutili u tikkaġuna lid-debitur spejjeż bla bżonn.

It-talba għall-awtorizzazzjoni tal-Qorti għall-eżekuzzjoni, meta ma jkunx għadda ż-żmien jew ma jkunux jirrikorru ċ-ċirkostanzi kif kontemplat fl-imsemmija artikoli 256 u 257 hi normalment inutili, għaliex meta d-dekadenza hi espressa u hi verifikata l-kondizzjoni tagħha, it-titolu hu eżekuttiv minnu nnifsu u ma għandux bżonn ta' sentenza jew awtorizzazzjoni tal-Qorti biex jista' jiġi esegwit. Biex talba simili tista' tkun ġustificata jinħtieġ li jirrikorru xi ċirkostanzi tassew speċjali li jiddependu mill-fatti speċji tal-każ partikolari.

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ preżenti l-Qorti taħseb illi l-aħjar ġustifikazzjoni tal-mod li bih ipproċeda l-appellat ġiet fornita 'ex post' mill-atteġġjament li ħadet l-appellanti nnifisha f'dan l-appell. Wara li baqgħet kontu-

maċi fil-prim'istanza, issa fl-appell hi sostniet, bla raġuni kif intwera fl-ewwel parti ta' din is-sentenza, illi l-appellat ma kellux dritt, nonostante l-kuntratt iffirmat minnha, jeżegwixxi kontra tagħha. Naturalment wieħed għandu jippreżumi illi dan kien ikun ukoll l-atteġġjament tagħha kieku l-appellat għadda mill-ewwel għall-eżekuzzjoni u l-intervent tal-Qorti biex tiddeċiedi l-kwistjoni kien dejjem xorta waħda jkun neċessarju. L-ilment ta' l-appellanti dwar l-inutilita tad-domandi ta' l-appell mhux konsistenti, fil-fehma tal-Qorti, ma' l-ilment prinċipali tagħha illi l-eżekuzzjoni ma setgħatx issir kontra tagħha.

Għalhekk anqas dan il-gravam dwar l-ispejjeż ma jista, fil-każ partikolari, jiġi eżawdit.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u fis-sens tal-konsiderazzjoni premessi tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż kontra l-appellanti.